**Laqgħa Numru 74**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Xewkija**

**IS-SEBA LEĠISLATURA**

**24 ta' April 2018**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Torri Tingi, Xewkija, Għawdex fil-4.30 ta' filgħaxija. Il-laqgħa bdiet fil-4.32pm.

---

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Paul Azzopardi | - Sindku |
| Domenic Zerafa | - Viċi Sindku |
| Hubert Saliba | - Kunsillier |
| Jeanelle Attard | -Kunsilliera |
| George Zammit | - Kunsillier |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Marion Attard | - Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti**

Is-Sindku Paul Azzopardi ippresieda l-laqgħa.

**74.1 Qari ta' l-Ittri ta' apoloġiji;**

74.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji mill-Kunsilliera.

**74.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

74.2.1 Il-minuti tal-laqgħa 73 kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew ikkoreġuti, approvati mill-membri preżentiu ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**74.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

74.3.1 *Open Gym.* Is-Sindku kkomunika li intbagħtet *draft* tal-Memorandum of Association rigward l-Open Gym imma ħadd mill-*Education Department* ma kien għadu bagħat lura. Għal dan il-proġett flimkien ma' l-iskola kellhom jintużaw fondi taħt l-Urban Improvement Funds.

*16.49pm Hubert Saliba u Jeanelle Attard daħlu fil-kamra*

74.3.2 Is-Sindku kkomunika li xtaq li tiġi organizzata ħarġa kif isir kull sena għall- festa ta' Jum L-Omm. Il-membri qablu li din għandha ssir fil-ġimgħa wara l-festa ta' Jum L-Omm hekk kif delegazzjoni mill-Kunsill kellha titla' Castelvenere fil-ġimgħa tal-festa ta' Jum L-Omm. Il-membri qablu li l-ħarġa kellha tinkludi quddiesa u tombla wara f'ristorant Għawdex.

74.3.3 Is-Sindku kkomunika li issa ġaladarba l-cleaner allokatta mal-Kunsill mill-Community Workers kienet se tkun fuq maternity leave, is-Segretarju Eżekuttiv kellha tkellem il-cleaner preċedenti biex torganizza t-tindif tal-Kunsill u anke tal-librerija. Il-membri unanimament qablu ma' dan.

74.3.4 Is-Sindku nsista li issa li kienet qed toqrob il-festa ma kellhomx joħorġu permessi għall-kiosks jekk dawn ma jġibux *Private Agreeement* tat-tindif. Dan biex nevitaw il-problema ta' ħmieġ.

74.3.5 Is-Sindku saqsa jekk kienx sar xi kuntatt mal-avukat Dr Renata Farrugia rigward l-skrittura li kienet saret minħabba restawr tal-arloġġ tax-xewx. Is-Segretarju kkonfermat li pruvat tkellemha imma ma rnexxilix u li kienet ħa terġa' tibgħatilha imejl minnufih.

74.3.6 Is-Sindku kkomunika li l-Perit Shawn Micallef kien qed iħejji rapport biex b'hekk il-Kunsill ikun jista' jakkwista l-materjal għall-bankini taħt is-sistema l-ġdida fi ħdan il-Ministeru t'Għawdex.

**74.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

74.4.1 Il-Kunsillier Hubert Saliba ġibed l-attenzjoni li l-bankijiet madwar ir-raħal kienu waslu għall-brix u żebgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota ta' dan.

74.4.2 L-istess kunsillier semma' kif id-dawra tal-Knisja għandha bżonn kinsa miż-żrar. Kellhom jintbagħtu l-ħaddiema minnufih. Inġibdet l-attenzjoni fuq it-telqa li qed jinżamm it-trakk tal-Kunsill fosthom stickers maqlugħa u kif dan għandu jinżamm nadif. Il-membri ddiskutew li l-ħaddiema jridu jiktbu kuljum fejn marru bit-trakk u anke il-*mileage* li jagħmlu biex jiġi evitat l-abbuż.

74.4.3 Il-kunsillier George Zammit ġibed l-attenzjoni dwar il-fatt li dawn il-ħaddiema għandhom jilbsu l-ilbies protettiv speċjalment is-*safety shoes* u jekk dawn jonqsu milli jagħmlu dan għandhom jitniżżlu absent fuq ir-rasenja. Il-membri preżenti qablu ma' dan.

74.4.4 Il-Kunsillier Hubert Saliba lmenta li rraporti ta' qtugħ tal-ħaxix mit-toroq għandhom isiru direttament mill-Kunsill lis-Segretarju tal-Klabb tal-Futbol mill-ħaddiema tal-Kunsill u mhux mill-kunsilliera direttament lill-ħaddiema mqabbad mill-klabb tal-futbol biex jaqtgħu l-ħaxix.

74.4.5 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ġibdet l-attenzjoni fuq tappiera li hemm fil-bidu ta' Triq L-Indipendenza peress li din qed tħabbat ħafna u trid ftit siment.

74.4.6 Il-Kunsillier Domenic Zerafa lmenta li hemm mera maqlugħa li trid tinbidel fi Triq Il-Knisja. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota ta' dan.

**74.5 Triq Santa Teodora**

74.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat il-kontijiet relatati mar-Resurfacing fi Triq Santa Teodora hekk kif ma' din it-triq hemm fondi li jridu jiġu miġbura. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard insistiet li l-kont ma kellux jitħallas kollhu. Il-membri preżenti qablu unanimament.

**74.6 Il-Kunsill Il-Ġdid**

74.6.1 Is-Sindku kkomunika li għalkemm fil-laqgħa tas-16 ta' Marzu 2018 kien stqarr li jixieq li l-Kunsill il-Ġdid jinfetaħ fil-bidu ta' Ġunju dan ma kienx possibli peress li ħadd ma kien se jlesti ix-xogħol ta' għamara f'daqshekk ħin qasir. Is-Sindku kkomunika li l-Kunsill kellhu jinfetaħ meta x-xogħol jitlesta mingħajr ma ssir pressjoni żejda anke jekk dan ifisser li jinfetaħ fil-bidu tas-sena d-dieħla. F'dan il-punt, is-Segretarju Eżekuttiv ikkomunikat li għalkemm bagħtet lil diversi mastrudaxxi

għall-kwotazzjonijiet kien biss mastrudaxxa wieħed li wera interess u bagħat il-kwotazzjoni. Il-membri preżenti qablu li x-xogħol kellhu jsir minn dan il-mastrudaxxa dramment li ma nqabiżx l-ammont tad-*direct order*. L-istess japplikka għall-kitchette.

**74.7 Approvazzjoni tar-rapport mill-Bord tal-Evalwazzjoni tal-Offerta tal-Measure 4.3**

74.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri tal-Kunsill li l-Bord ma ntaqgħaax peress li l-Perit u c-Chairman minħabba impenji li ma kellhomx kontroll fuqhom ma setgħux jattendu. Il-Bord kellhu jintaqa' l-Ġimgħa 27 ta' April 2018.

**74.8 Korrispondenza u Materji Oħra**

74.8.1 Imejl mibgħut mis-Segretarju Eżekuttiv lil MIP dwar il-ħtieġa ta' tabelli, 'sleeping police' u mirja minħabba sewqan f'diversi toroq. Rachelle Dingli mill-MIP wieġbet li ser jieħdu ħsieb jagħmlu dan fiż-żoni li jaqgħu direttament taħthom.

74.8.2 Ittra mingħand is-segretarju tal-Gozo Cycling Club rigward il-Gozo Road Race li ser issir il-Ħadd 27 ta' Mejju 2018 fejn talbu l-permess li jintużaw diversi toroq fix-Xewkija. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġezzjoni.

74.8.3 Imejl mill-Assisent Direttur John Xuereb mill-MGOZ fejn ġejna nfurmati li ġiet approvata l-applikazzjoni sottomessa għall-Gozo Alive fejn 50% ta' l-ispejjeż se jiġu mogħtija mill-istess Ministeru.

74.8.4 ĊIR AKL 2017/034 – Ittra rigward il-Performing Rights Society fejn fiha sar xi tibdil dwar ħlasijiet tal-liċenzji fejn jidher li l-Performing Rights Society ma kinitx tkopri l-attivitajiet li jtella' l-Kunsill u li fihom tindaqq il-mużika. L-Assoċjazzjoni din is-sena mhux ser tkun qiegħda ġġedded il-liċenzja li għaliha kienet tiġbor il-flus minn kull Kunsill.

74.8.5 Ittra mingħand Mario Xerri, editur tar-rivista Gourgion, fejn talab għajnuna finanzjarja mill-Kunsill Lokali b'rabta ma' inizjatitva li r-Rivista Gourgion qed tippjana li tieħu dwar Viżti Pastorali li saru fix-Xewkija mijiet ta' snin ilu.

74.8.6 ĊIR AKL 2018/035 – Imejl fejn tinforma dwar taħdidiet bejn l-Assoċjazzjoni u l-MEUSEC rigward Seminar fejn fih wieħed jingħata tagħarif siewi ta' kif ir-Reġjuni u l-Kunsilli jkunu jistgħu jagħmlu użu aħjar mill-fondi tal-UE billi jissieħbu u jkunu parteċipi fi proġetti.

74.8.7 Ittra mingħand il-Planning Authority rigward notifika lli l-Awtorita tal-Ippjanar ħarġet dwar Avviż ta' Infurzar.

74.8.8 Imejl mibgħut mingħand is-Sa Isabella Camilleri Aquilina rigward l-Inizzjattiva Finanzjarja – Attivitajiet Kulturali fejn wieġbet għall-komunikazzjoni li kienet

baghħtet s-Segretarju u stqarret li d-direttorat il-ġdid għall-Istrateġija u l-Implimentazzjoni tal-Programmi qed ifassal numru ta' skemi ġodda.

74.8.9 Imejl mibgħut mingħand Louis Camenzuli f'isem "Ta' Saminu Bakery" fejn talab biex isir "Loading/Unloading Bay" quddiem il-ħanut minħabba li mhux ikun hemm wisa' fejn jipparkjaw meta jasslu l-vannijiet bix-xogħol. Il-Kunsill qabel li t-talba tas-Sur Camenzuli tgħaddi għand Transport Malta.

74.8.10Imejl mibgħut mingħand Francarl Galea fejn talab li jsir Yellow Line ħdejn u faċċata tal-garage tiegħu peress li ma jkunx jista joħroġ il-karozza minħabba l-karozzi pparkjati. It-talba tas-Sur Galea kellha tgħaddi għand Transport Malta.

74.8.11 Imejl mibgħut lis-Segretarja mingħand Amanda Cassar dwar il-premju Ġieħ l-Artiġjanat Malti fejn din is-sena ser jingħata rikonoxximent lill-Kunsilli Lokali li jipprovdu tagħlim tal-'crafts.'

74.8.12Imejl mingħand Recycling Malta Textile fejn ħabbru li ser jibdew jiġbru 'textile waste' mid-djar. Il-Kunsilliera qablu li s-Segretarju Eżekuttiv kellha tindanga ftit fuq din l-opportunita' biex jinġabru ħwejjeġ użati.

74.8.13 Imejl mingħand Miriam Zammit fejn issuġġerit li fi Triq il-Ħelsien jew jinżebgħu sinjali sofor ma kull naħa tat-triq biex ma jkunx hemm parking jew it-triq tiġi one way. Il-membri tal-Kunsill qablu li dramment li ħa tinqala Triq Il-Knisja u anke l-pjazza din ma tistax issir imma t-talba tagħha għandha tiġi riveduta ġaladarba jsiru dawn ix-xogħlijiet

74.8.12 Imejl mibgħut mingħand Michelle Scerri mill-Planning Authority fejn kitbet li l-Applikazzjoni PA/00296/18 ġiet sospiża għal-perjodu li ma jistax jaqbeż it-12 t'Ottubru 2018.

74.8.13 Imejl mibgħut mingħand Rueben Said mit-Transport Malta dwar tabelli ġodda li ser jitwaħħlu fi Triq San Anard minħabba s-sewqan perikoluż.

74.8.14 Imejl mingħand l-Għaqda Armar Xewkija fejn talbu li titħallas il-band fil-majjalata li kellha ssir. Il-membri preżenti qablu.

74.8.15 Korrispondenza li ntbagħtet mis-Segretarju Eżekuttiv lis-Supretendent Antonello Grech rigward l-inkonvenzjana li qed tinħoloq min-naħal selvaġġ li qed jitrabba fl-inħawi tal-kus. Is-Supretendent wieġeb li l-Pulizija ma tidħolx u ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jkellem lill-Awtoritajiet Veterinarji. Il-membri nnutaw l-kontenut ta' l-imejls.

74.8.16 Imejl mingħand Charles Borg rigward Ikla li ser issir fis-27 t' April mill-għaqdiet tal-festa. Huwa talab biex isir il-permess biex tingħalaq Triq il-Knisja minn nofsinhar il-quddiem. Talab ukoll biex jagħmlu użu mit-trakk tal-kunsill.

74.8.17 Imejl mingħand Christopher Galea, Senior Monitoring Officer mill-Gvern Lokali, dwar l-appell ta' Nicholas Zammit kontra l-Kunsill Lokali ix-Xewkija. Il-Bord qed jappunta smiegħ għal nhar il-Ħamis 10 ta' Mejju 2018.

74.8.18 ĊIR AKL 2018/043 – L-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali flimkien mal-kumpanija Paragon talbet li jsir Workshop b'kollaborazzjoni mal-kumapnija Paragon fejn fih ikunu mistiedna s-Sindki, Viċi-Sindki, Kunsilliera u Segretarji biex flimkien jitfassal pjan ta' proġetti pilota li jkunu effettivi kif ukoll vijabli li jitwettqu fil-lokalitajiet tagħna.

74.8.19 Talba minn residenti biex isiru Flood Lights fejn l-istatwa ta' San Ġwann. Il-membri preżenti qablu li dawn isiru.

*18.25pm George Żammit halla l-kamra imħabba mpenji oħra.*

**74.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

74.13.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**74.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

74.14.1Il-laqgħa ntemmet fis-7.15pm. Il-Kunsilliera preżenti qablu li s-seduta li jmiss tal-Kunsill għandha ssir nhar it-Tlieta 22 ta' Mejju 2018.

Konfermati, illum 22 ta' Mejju 2018

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Paul Azzopardi | Marion Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |